IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2013
SWD(2013) 99 final

Part 2

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT dwar il-fużjoni tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Cepol) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-implimentazzjoni ta' skema Ewropea ta' taħriġ tal-pulizija għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW u TAL-KUNSILL

DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL KOOPERAZZJONI U T-TAĦRIĠ FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL) U LI JĦASSAR ID-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL 2009/371/ĠAI U 2005/681/ĠAI

{COM(2013) 173 final}
{SWD(2013) 98 final}
{SWD(2013) 100 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT dwar il-fużjoni tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Cepol) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-implimentazzjoni ta' skema Ewropea ta' taħriġ tal-pulizija għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW u TAL-KUNSILL

DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL KOOPERAZZJONI U T-TAĦRIĠ FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL) U LI JĦASSAR ID-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL 2009/371/ĠAI U 2005/681/ĠAI

1. INTRODUZZJONI

Din il-valutazzjoni tal-impatt tirrappreżenta wkoll evalwazzjoni *ex ante*.

2. KONSULTAZZJONI U KOMPETENZI

2.1. L-evalwazzjoni u l-istudji preparatorji

Bejn l-2010 u l-2011 twettqet **evalwazzjoni ta' ħames snin** tas-CEPOL kif meħtieġ mid-Deċiżjoni tas-CEPOL[1]. Ir-rapport finali ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija tas-CEPOL fil-31.1.2011[2]. Ġie kkummissjonat **studju estern** bħala appoġġ għat-tħejjija ta' din il-valutazzjoni tal-impatt[3].

2.2. Konsultazzjonijiet

Ir-rwol futur tas-CEPOL ġie diskuss f'bosta sessjonijiet ta' ħidma biex titħejja l-Iskema Ewropea ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi li ġew organizzati mill-Kummissjoni bejn l-2011 u l-2012.

2.3. Skrutinju mill-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni

Il-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt (IAB) tal-Kummissjoni vvaluta abbozzi ta' verżjonijiet ta' din il-valutazzjoni tal-impatt u ħareġ opinjonijiet fl-20.7.2012, fl-10.10.2012 u fil-15.1.2013. Ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-IAB huma riflessi f'din il-valutazzjoni tal-impatt.

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

3.1. Il-kuntest u l-katalizzaturi esterni

Hemm żewġ katalizzaturi ewlenin wara l-problemi identifikati hawn taħt: wieħed relatat mal-istruttura u l-governanza tas-CEPOL, l-ieħor mat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi.

---

1 Study on Five Years evaluation of CEPOL activity 21.1.2011. Consortium Blomeyer & Sanz, Centre for Strategy and Evaluation Studies LLP and Evalutility Ltd.

2 www.cepol.europa.eu.

3 Studju dwar l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-attività tas-CEPOL. Rapport finali 24.4.2012 – GHK Consultants.

3.1.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistema eżistenti ta' taħriġ tal-pulizija fl-UE

B'mod ġenerali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri għandhom strutturi simili. B'kollox 21 Stat Membru għandhom aġenzija unika tal-pulizija u s-sitta l-oħra għandhom aktar minn waħda. Daqs 12-il aġenzija tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż is-CEPOL, il-Europol u l-Frontex, irrappurtaw xi involviment fit-taħriġ fl-infurzar tal-liġi.

Is-CEPOL jorganizza korsijiet u jiżviluppa kurrikuli komuni dwar id-dimensjoni tal-attivitajiet tal-pulizija tal-UE, kemm fl-akkademji nazzjonali kif ukoll fis-CEPOL innifsu, u jxerred l-aħjar prattiki u sejbiet mir-riċerka. It-taħriġ tas-CEPOL jitwettaq minn esperti nazzjonali, aktar milli mill-persunal tas-CEPOL. Kull sena jkun hemm madwar 2 000 parteċipant għat-taħriġ fuq il-post tas-CEPOL u bejn 100 u 200 parteċipant fi programmi ta' skambju u (mill-2011) f'attivitajiet ta' tagħlim elettroniku. Is-CEPOL huwa wieħed mill-iżgħar aġenziji tal-UE f'termini ta' baġit (EUR 8,3 miljun fl-2011).

3.1.2. Katalizzatur 1: Żieda fis-sensibilizzazzjoni politika dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera

L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE adottata fl-2010 identifikat l-isfidi, il-prinċipji u l-linji gwida għall-indirizzar tal-kwistjonijiet ta' sigurtà fl-UE, inklużi azzjonijiet li bħalissa qed jiġu implimentati u appoġġati permezz ta' taħriġ xieraq. F'Ġunju 2011 il-Kunsill approva tmien prijoritajiet għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

3.1.3. Katalizzatur 2: Żviluppi legali u politiċi fil-kooperazzjoni mal-pulizija u t-tagħlim għall-pulizija

Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna għandha tiġi promossa u msaħħa, b'enfasi partikolari fuq forom speċifiċi ta' kriminalità serja u organizzata. L-UE stabbilixxiet sistema biex tiffissa l-prijoritajiet permezz tal-Istrateġija Interna tas-Sigurtà, biex tiġi appoġġata minn fiduċja reċiproka u bini ta' kapaċità. Fl-2009, il-Kunsill Ewropew iddikjara l-ħtieġa li tinħoloq kultura Ewropea ġenwina tal-infurzar tal-liġi permezz tat-twaqqif ta' skemi Ewropej ta' taħriġ għall-infurzar tal-liġi u programmi ta' skambju għall-professjonisti rilevanti kollha fl-infurzar tal-liġi fuq livell nazzjonali u dak tal-UE sal-2015, u li s-CEPOL għandu jkollu rwol ewlieni biex jiżgura d-dimensjoni Ewropea. Fl-2009, il-Parlament Ewropew talab ukoll għal approċċ koerenti lejn it-twettiq ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni flimkien stabbilixxew Approċċ Komuni dwar l-aġenziji tal-UE, inklużi l-istrutturi ta' mmaniġġar u governanza, l-operazzjonijiet, il-finanzjament u l-iffissar tal-baġit tagħhom[4].

3.2. Id-definizzjoni tal-problema

3.2.1. Problema 1: Nuqqas ta' għarfien dwar id-dimensjoni tal-UE tal-attivitajiet tal-pulizija

Il-biċċa l-kbira tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fl-UE ma għandhomx l-għarfien meħtieġ sabiex jikkooperaw b'mod effettiv fil-ġlieda kontra attivitajiet kriminali transfruntiera ta' prijorità.

Problema 1a It-taħriġ Ewropew ma jilħaqx l-uffiċjali kollha li għandhom bżonnu

It-taħriġ tas-CEPOL huwa mmirat, skont id-Deċiżjoni tas-CEPOL, għall-uffiċjali għolja jew dawk ta' grad medju, bi ftit enfasi fuq it-taħriġ tematiku għall-uffiċjali oħrajn li jistgħu jiġu

[4] Dikjarazzjoni Konġunta, tat-12 ta' Ġunju 2012; http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/12/604&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en.

bżonnu. Sal-aħħar tal-2009, kienu biss 1,6 % tal-uffiċjali għolja tal-pulizija fl-UE li rċevew it-taħriġ tas-CEPOL. Fl-2010 kienu biss bejn 13 sa 15-il Stat Membru li bagħtu uffiċjali biex jirċievu t-taħriġ. Il-korsijiet jonqsu milli jiksbu attendenza sħiħa. Dan jista' jirriżulta minn attendenza li mhijiex formalment rikonoxxuta jew iċċertifikata bħala kwalifika. L-Istati Membri normalment ma jkollhomx baġit speċifiku biex jibagħtu lill-uffiċjali biex jirċievu t-taħriġ. F'xi Stati Membri l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-attendenza huma kumplessi u jieħdu ħafna ħin. Filwaqt li xi Stati Membri żviluppaw pjanijiet għal kaskata tal-għarfien miksub permezz tat-taħriġ tas-CEPOL, it-tixtrid normalment ikun informali u inadegwat. Il-lingwa tista' tkun ukoll ta' xkiel: ħafna mit-taħriġ huwa bl-Ingliż, li jiskoraġġixxi ħafna uffiċjali.

Problema 1b Koordinazzjoni insuffiċjenti bejn is-CEPOL, l-Istati Membri u aġenziji oħrajn

Minkejja l-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-ġustizzja u l-intern, hemm nuqqas ta' koordinazzjoni sistematika dwar it-taħriġ skont l-għanijiet strateġiċi reċenti tal-UE. Il-programmi ta' taħriġ mhumiex iffukati u magħqudin biżżejjed: 27 % tal-akkademji nazzjonali rrappurtaw sovrapożizzjoni bejn l-attivitajiet ta' taħriġ tas-CEPOL u t-taħriġ imwettaq fuq livell nazzjonali. Il-pjanijiet kummerċjali tal-aġenziji rarament jiġu allinjati u d-duplikazzjoni hija ħaġa komuni. Hemm ukoll sovrapożizzjonijiet loġistiċi, pereżempju t-taħriġ ipprovdut minn aġenziji differenti fl-istess dati.

3.2.2. Problema 2: Il-governanza u l-istruttura attwali tas-CEPOL inaqqsu l-effikaċja tat-taħriġ

Il-governanza u l-istruttura tas-CEPOL ifixklu l-ħila tiegħu li jkun effettiv bis-sħiħ bħala strument tal-politika tal-UE.

Problema 2a Il-Bord tat-Tmexxija ma għandux iffukar xieraq

Wara l-evalwazzjoni ta' ħames snin it-teħid tad-deċiżjonijiet tjieb, iżda l-governanza u l-istruttura tas-CEPOL mhumiex aġġornati. Il-Bord tat-Tmexxija normalment jiffoka fuq kwistjonijiet amministrattivi minuri, u ma jiffukax biżżejjed fuq l-istrateġija. Id-Deċiżjoni tas-CEPOL ma tiffukax fuq il-kompiti tal-Bord dwar kwistjonijiet strateġiċi. Id-daqs tal-bord – tipikament 45-50 Stat Membru parteċipant għal kull laqgħa – ixekkel it-teħid rapidu tad-deċiżjonijiet kif ukoll joħloq spejjeż sproporzjonati. Tibdil għoli ta' parteċipanti joħloq ħtieġa kostanti għall-membri ġodda biex jieħdu ż-żmien meħtieġ biex jiksbu familjarità ma' dan ix-xogħol. Il-Bord ma għandu l-ebda rappreżentant speċifiku tal-interess tal-UE, billi l-Kummissjoni hija osservatur mingħajr dritt għall-vot; dan jikkontradixxi l-Approċċ Komuni għall-aġenziji.

Problema 2b L-involviment tal-Istati Membri fl-attivitajiet tas-CEPOL huwa inkonsistenti

Ir-rwol tal-punti ta' kuntatt nazzjonali huwa li "jiżguraw kooperazzjoni effikaċi bejn is-CEPOL u l-istituti ta' taħriġ [nazzjonali]". Minkejja l-bosta tentattivi mill-Bord biex jindirizza dan, ir-responsabbiltajiet tal-punti ta' kuntatt għadhom mhux ċari. Xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed uffiċjali full-time fil-punti ta' kuntatt tagħhom u b'hekk jistgħu jdgħajfu l-ħila tas-CEPOL li jikkoordina t-taħriġ u jxekklu l-kooperazzjoni bejn is-CEPOL u l-Istati Membri.

Problema 2c Ippjanar finanzjarju ħażin għall-attivitajiet ta' taħriġ mill-Istati Membri

Nefqa operattiva – l-aktar għall-attivitajiet tat-taħriġ – tikkostitwixxi aktar minn nofs in-nefqa ppjanata. L-Istati Membri normalment jippreżentaw il-pjanijiet tagħhom tard wisq matul is-sena, li jfisser li l-korsijiet għandhom jiġu kkompressati fix-xhur li jkun għad fadal f'dik is-sena, u tiżdied il-probabbiltà ta' attendenza baxxa. Bejn l-2006 u l-2010, l-Istati Membri (responsabbli għat-twettiq tat-taħriġ tas-CEPOL) kkanċellaw jew pposponew 13 % tal-

korsijiet, minkejja l-mira ta' 5 % biss

Is-sistema attwali li tiżgura li l-attivitajiet tat-taħriġ jikkorrispondu għall-ħtiġijiet attwali ta' tixrid tal-għarfien dwar l-għodod u l-politiki tal-UE tibqa' subottimali. Ma hemm l-ebda definizzjoni tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet fil-livell tal-UE li permezz tagħha jistgħu jitqiesu l-valutazzjonijiet nazzjonali. Ir-riżultati u l-impatt tal-attivitajiet mhumiex ittrasferiti lura b'mod sistematiku biex jitjieb l-ippjanar ta' attivitajiet futuri.

3.3. Id-dritt tal-UE li taġixxi u s-sussidjarjetà

L-Artikolu 87(2)(b) tat-TFUE jipprovdi qafas li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tas-CEPOL. It-tisħiħ tal-bażi legali tas-CEPOL huwa appoġġat minn diversi dokumenti importanti tal-politika tal-UE.

Fir-rigward tas-sussidjarjetà, il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati huma relatati mat-taħriġ tal-uffiċjali tal-pulizija madwar l-UE, mal-forniment ta' kompetenzi komuni u mat-tisħiħ tal-kultura tal-pulizija tal-UE. Il-proposta tkun mingħajr ħsara għall-inizjattivi nazzjonali meħudin mill-Istati Membri fil-qasam tat-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.

4. L-GĦANIJIET TAL-POLITIKA

4.1. L-għan ġenerali

It-titjib fl-attivitajiet tal-pulizija fl-UE billi tiġi stabbilita sistema ta' tagħlim għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi konsistenti mal-prijoritajiet strateġiċi li qed jevolvu għall-kooperazzjoni tal-pulizija.

4.2. L-għanijiet speċifiċi

L-għan speċifiku Nru 1

Jiġi żgurat taħriġ ta' kwalità aħjar, aktar magħqud u aktar konsistenti għal firxa akbar ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fi kwistjonijiet ta' kriminalità transfruntiera.

L-għan speċifiku Nru 2

Jiġi stabbilit qafas ċar ta' taħriġ għall-pulizija skont il-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-UE, f'konformità mal-Approċċ Komuni għall-aġenziji tal-UE

5. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

5.1. L-Iskema Ewropea ta' Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi

Flimkien mal-proposta tagħha għar-riforma tas-CEPOL, il-Kummissjoni qed tippreżenta l-Iskema Ewropea ta' Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (LETS) għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Din se tistabbilixxi kif għandu jiġi implimentat it-taħriġ b'mod koordinat biex jibni l-kapaċità tal-UE biex taffronta sfidi komuni. Il-LETS se tiddefinixxi l-kontenut tat-taħriġ, min għandu jiġi mħarreġ u dwar xiex u min se jipprovdi t-taħriġ fl-UE jew fil-livell nazzjonali.

5.2. Alternattivi ta' politika

Alternattiva 1 (status quo): Il-promozzjoni tal-LETS mingħajr emenda tal-bażi legali tas-CEPOL

Ċerti Stati Membri opponew li jemendaw il-qafas attwali tas-CEPOL li fil-fehma tagħhom jipprovdi biżżejjed taħriġ. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonsultati, madankollu, iqisu li l-bażi legali teħtieġ li tiġi riformulata biex tiżviluppa u taġġorna l-politika ta' taħriġ. Taħt il-

bażi legali attwali tagħha, is-CEPOL tista' timplimenta biss parzjalment il-LETS billi l-kompetenza tagħha hija ristretta għall-uffiċjali għolja.

Alternattiva 2: Taħriġ ibbażat fl-Istati Membri bħala parti min-netwerk tal-UE

Is-CEPOL ikun xolt bħala aġenzija. Il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni jkomplu fuq bażi intergovernattiva b'segretarjat żgħir ipprovdut mill-Kummissjoni, kif kien il-każ qabel id-Deċiżjoni tas-CEPOL. Xi karigi jkunu ttrasferiti lill-aġenziji oħrajn tal-UE biex jieħdu f'idejhom xi attivitajiet tas-CEPOL. Din l-alternattiva għandha ssegwi l-mudell tan-netwerk Ewropew tat-taħriġ ġudizzjarju, u tista' twassal għall-iffrankar immedjat u dirett tal-ispejjeż. Din hija opposta mill-Istati Membri kollha.

Alternattiva 3: Ma jissoktax l-appoġġ finanzjarju tal-UE għat-taħriġ

Is-CEPOL ikun xolt u l-UE tieqaf talloka finanzjament għat-taħriġ tal-pulizija, għajr it-taħriġ settorali speċifiku pprovdut minn aġenziji oħrajn. Il-Kummissjoni u l-Europol jistgħu jiddentifikaw il-ħtiġijiet ta' taħriġ li se jaqgħu taħt l-Istati Membri biex jindirizzawhom. L-irtirar ta' kull appoġġ tal-UE għall-involviment fit-taħriġ hija alternattiva radikali li teħtieġ li tiġi eżaminata. Din hija opposta mill-Istati Membri kollha billi tfisser li mmorru lura għas-sitwazzjoni ineffiċjenti ta' qabel.

Alternattiva 4a: Trasferiment parzjali tal-funzjonijiet tas-CEPOL lill-Europol; is-CEPOL jimplimenta l-LETS

Is-CEPOL se jibqa' aġenzija separata iżda jaqsam is-servizzi korporattivi u ta' infrastruttura mal-Europol. Il-Kwartieri Ġenerali eżistenti jingħalqu u l-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur u l-persunal operattiv jikkoloka mal-Europol. Id-deċiżjoni tas-CEPOL tkun emendata biex tindirizza l-problemi ta' governanza u l-kwalità tat-taħriġ, u biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-LETS.

Il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilità li tintegra s-CEPOL mal-Europol. Permezz ta' tali fużjoni jkunu jistgħu jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' governanza, tkun konformi mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji u funzjonijiet mhux operattivi jkunu jistgħu jiġu razzjonalizzati. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri opponew din l-alternattiva, billi ddikjaraw li tkun l-ewwel pass lejn l-għejbien ta' aġenzija tat-taħriġ bl-identità tagħha stess.

Alternattiva 4b: Il-funzjonijiet tal-Europol u s-CEPOL fużi f'aġenzija waħda; l-aġenzija fuża (il-Europol) timplimenta l-LETS

Is-CEPOL u l-Europol ikunu fużi b'mod formali. Jingħalqu l-kwartieri ġenerali tas-CEPOL u l-karigi operattivi jkunu ttrasferiti lill-Europol. Il-kompiti tas-CEPOL jiżdiedu mal-funzjonijiet tal-Europol. Viċi Direttur ġdid tal-Europol għat-taħriġ se jikkontribwixxi għall-abbozz tal-baġit tal-Europol li jalloka r-riżorsi xierqa għat-taħriġ skont il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' taħriġ skont il-LETS. Il-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Europol ikun ispeċjalisti fit-taħriġ. Kumitat xjentifiku jista' jagħti parir fuq kwistjonijiet ta' taħriġ.

Għall-baġit tal-2014 is-CEPOL ikun ikklassifikat bħala aġenzija b''kompiti ġodda', li jfisser li filwaqt li jkun soġġett għall-għan ta' tnaqqis tal-persunal jista' jitlob ukoll għal karigi ġodda minn grupp partikolari għal kompiti ġodda. L-eżerċizzju meħtieġ ta' riprijoritizzazzjoni, riallokazzjoni u li jkun hemm kisbiet mil-lat tal-effiċjenza jkunu indirizzati aħjar fi struttura akbar. Billi jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet amministrattivi bejn iż-żewġ aġenziji, is-sehem akbar tal-persunal ikun allokat għall-attivitajiet ta' taħriġ. Dan jista' jippermetti implimentazzjoni newtrali mil-lat ta' baġit (f'termini ta' persunal) tal-LETS.

Il-fużjoni tista' toħloq diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid sakemm it-trasferiment ikun effettiv. Għalhekk ikun jinħtieġ li ż-żewġ aġenziji, b'appoġġ mill-Kummissjoni, janalizzaw malajr l-implikazzjonijiet għall-persunal individwali. It-tranżizzjoni tkun immexxiha mid-Direttur tas-CEPOL.

Il-fużjoni hija opposta minn ħafna Stati Membri fuq il-bażi li, f'aġenzija unika, il-kwalità u l-impenn lejn l-attivitajiet ta' taħriġ jistgħu jiddgħajfu minħabba tali prossimità mill-qrib ma' prijoritajiet operattivi, għalkemm ċerti Stati Membri esprimew ix-xewqa li jikkunsidraw il-benefiċċji u l-ispejjeż. Kwalunkwe miżura ta' razzjonalizzazzjoni tkun kompatibbli mal-pożizzjoni tal-Kunsill fin-negozjati tal-baġit tal-UE tal-2013, li talab għal tnaqqis ta' 1 % tal-baġits tal-aġenziji, u ma' dik tal-Parlament Ewropew, li fin-negozjati tal-qafas pluriennali rrakkomanda li jiġi esplorat l-ambitu għall-kondiviżjoni tar-riżorsi u l-iffrankar tal-ispejjeż fost l-aġenziji.

Alternattiva 5: It-tisħiħ u r-razzjonalizzazjoni tas-CEPOL

Ir-rwol tas-CEPOL għandu jiġi ċċarat u msaħħaħ, u jeħtieġ xi persunal addizzjonali. Id-Deċiżjoni tas-CEPOL tkun emendata biex tindirizza l-problemi ta' governanza u l-kwalità ta' taħriġ. *Dan ikun konformi mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji u jirrispondi għas-sejħiet minn ħafna Stati Membri għal CEPOL aktar b'saħħtu u politika ta' taħriġ aktar koerenti.*

6. L-ALTERNATTIVA TA' POLITIKA PREFERUTA:

Biex l-LETS tiġi implimentata bis-sħiħ (u b'hekk jiġi ssodisfat l-ewwel għan speċifiku ddefinit hawn fuq) jeħtieġ (i) li aġenzija tal-UE tingħata r-responsabbiltà biex tikkoordina l-implimentazzjoni tagħha; (ii) li l-mandat (meta mqabbel ma' dak tas-CEPOL) tal-aġenzija jkun estiż għat-taħriġ tal-uffiċjali kollha tal-pulizija; u (iii) li l-aġenzija tingħata riżorsi addizzjonali. L-alternattivi 2 u 3 (l-ebda aġenzija) ma jiksbux punt (i). L-alternattivi 1 (*status quo*) u 5 (it-tisħiħ tas-CEPOL) jiksbu punt (i) u l-alternattiva 5 tikseb punt (ii); iżda kemm bl-alternattiva 1 kif ukoll bl-alternattiva 5 is-CEPOL jibqa' dipendenti fuq l-inċertezzi biex ssib riżorsi ġodda u għaldaqstant hemm ir-riskju li ma jiksbux punt (iii). L-alternattiva 4a (fużjoni parzjali) u 4b (fużjoni sħiħa) jiksbu l-punti (i) u (ii), iżda wkoll il-punt (iii) billi jkun previst iffrankar fl-ispejjeż li jista' jiffinanzja (l-alternattiva 4b) jew jiffinanzja parzjalment (l-alternattiva 4a) l-implimentazzjoni tal-LETS.

L-alternattiva 4b hija l-alternattiva preferuta. Din twassal għal iffrankar, b'hekk il-karigi jkunu jistgħu jiġi riallokati biex jimplimentaw l-LETS. Ikun hemm interruzzjoni għal żmien qasir li jkollha tiġi minimizzata, iżda fuq medda itwal ta' żmien ikun hemm flessibbiltà addizzjonali biex issir riallokazzjoni skont il-prijoritajiet. It-teħid rapidu tad-deċiżjonijiet u l-preparazzjoni adegwata tal-fużjoni miż-żewġ aġenziji jtaffu kwalunkwe impatt negattiv għall-persunal u l-attivitajiet ta' aġenzija jew l-oħra. Il-governanza tkun allinjata aktar mill-qrib mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji. L-evalwazzjonijiet kontinwi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ jiżguraw li l-attivitajiet tal-aġenzija jibqgħu rilevanti għall-prijoritajiet tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija tal-UE. Tkun eħfef biex titjieb il-koordinazzjoni ma' aġenziji oħra.

Kumplessivament, l-alternattiva 4B — fużjoni bejn CEPOL u Europol — tkun tippermetti l-implimentazzjoni effettiva tal-Iskema Ewropea ta' Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u b'hekk issaħħaħ it-taħriġ tal-pulizija tal-UE, u tagħmilha aktar effiċjenti u effettiva, u tgħin biex tonqos id-diskrepanza bejn il-ħiliet u l-għarfien fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.